# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/423

## tal-14 ta' Marzu 2022

## li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-miżuri u rekwiżiti oħrajn għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fir-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi stabbilita s-sistema tal-IT deċentralizzata, huwa meħtieġ li jiġu definiti u adottati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-miżuri u r-rekwiżiti l-oħrajn għall-implimentazzjoni ta' dik is-sistema.

(2) Hemm għodod li ġew żviluppati għall-iskambju diġitali ta' *data* relatata mal-kawżi, mingħajr ma ġew sostitwiti jew meħtieġa modifiki għaljin għas-sistemi tal-IT eżistenti diġà stabbiliti fl-Istati Membri. Il-Komunikazzjoni tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data* Online (e-CODEX) hija l-għodda ewlenija ta' dan it-tip żviluppata sal-lum.

(3) Is-sistema tal-IT deċentralizzata jenħtieġ li tkun tinkludi s-sistemi back-end tal-Istati Membri u punti ta' aċċess interoperabbli, li permezz tagħhom ikunu interkonnessi. Il-punti ta' aċċess tas-sistema tal-IT deċentralizzata jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-e-CODEX.

(4) Ladarba s-sistema tal-IT deċentralizzata tkun ġiet żviluppata, il-kumitat ta' tmexxija se jiżgura t-tħaddim u l-manutenzjoni tagħha. Il-kumitat ta' tmexxija jenħtieġ li jiġi stabbilit mill-Kummissjoni f'att separat.

(5) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u ta opinjoni fl-24 ta' Jannar 2022.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ekstraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Speċifikazzjonijiet tekniċi tas-sistema tal-IT deċentralizzata**

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-miżuri u r-rekwiżiti l-oħrajn għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2020/1784 għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.

([1]) ĠU L 405, 2.12.2020, p. 40.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

**Speċifikazzjonijiet tekniċi, miżuri u rekwiżiti oħrajn tas-sistema deċentralizzata tal-IT imsemmija fl-artikolu 1**

1. **Introduzzjoni**

Is-sistema ta' skambju tan-Notifika ta' Dokumenti (SoD) hija sistema tal-IT deċentralizzata bbażata fuq e-CODEX li tista' twettaq skambji ta' dokumenti u *data* relatati man-notifika ta' dokumenti bejn l-Istati Membri differenti f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/1784. In-natura deċentralizzata tas-sistema tal-IT tkun tippermetti skambji ta' *data* esklużivament bejn Stat Membru u ieħor, mingħajr tkun involuta ebda istituzzjoni tal-Unjoni f'dawk l-iskambji.

2. **Definizzjonijiet**

2.1. "HyperText Transport Protocol Secure" jew "HTTPS" tfisser komunikazzjoni kriptata u kanali ta' konnessjoni sikuri;

2.2. "Portal" tfisser is-soluzzjoni tal-Implimentazzjoni ta' Referenza jew is-soluzzjoni Back-end Nazzjonali konnessa mas-sistema tal-IT deċentralizzata;

2.3. "Nonripudju tal-oriġini" tfisser il-miżuri li jipprovdu l-prova tal-integrità u l-prova tal-oriġini tad-*data* permezz ta' metodi bħalma huma ċ-ċertifikazzjoni diġitali, l-infrastruttura tal-kjavi pubblika u l-firem diġitali;

2.4. "Nonripudju tal-wasla" tfisser il-miżuri li jipprovdu l-prova tal-wasla tad-*data* għand ir-riċevitur intiż tad-*data* lill-oriġinatur permezz ta' metodi bħalma huma ċ-ċertifikazzjoni diġitali, l-infrastruttura tal-kjavi pubblika u l-firem diġitali;

2.5. "SOAP" tfisser, f'konformità mal-istandards tal-Konsorzju tal-World Wide Web, speċifikazzjoni ta' protokoll ta' messaġġi għall-iskambju ta' informazzjoni strutturata fl-implimentazzjoni ta' servizzi tal-web f'networks tal-kompjuter;

2.6. "Servizz web" tfisser sistema ta' software ddiżinjata biex tkun tiflaħ interazzjoni interoperabbli bejn magna u oħra fuq network; huwa jkollu interfaċċa deskritta f'format li jista' jiġi pproċessat minn magna;

2.7. "skambju ta' *data*" tfisser l-iskambju ta' messaġġi u dokumenti permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata.

3. **Metodi ta' komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi**

Is-sistema ta' skambju tal-SoD għandha tuża metodi ta' komunikazzjoni bbażati fuq is-servizzi, bħal Servizzi web jew Infrastrutturi ta' Servizzi Diġitali riutilizzabbli oħrajn, għall-fini ta' skambju ta' messaġġi u dokumenti.

B'mod speċifiku, se tuża l-infrastruttura e-CODEX, li hija magħmula minn żewġ komponenti ewlenin, il-Konnettur u l-Gateway.

Il-Konnettur huwa responsabbli biex jittratta l-komunikazzjoni mas-soluzzjoni ta' Implementazzjoni ta' Referenza jew l-implimentazzjonijiet nazzjonali. Huwa jista' jipproċessa l-iskambju tal-messaġġi bil-Gateway fiż-żewġ direzzjonijiet, jirrintraċċa l-messaġġi u jirrikonoxxihom bl-użu ta' standards bħal evidenzi tal-ETSI-REM, jivvalida l-firem tad-dokumenti tan-negozju, joħloq token li jżomm l-eżitu tal-validazzjoni fil-format PDF u XML u joħloq kontenitur bl-użu ta' standards bħal ASIC-S fejn il-kontenut tan-negozju ta' messaġġ ikun ippakkjat u ffirmat.

Il-Gateway hija responsabbli għall-iskambju ta' messaġġi u hija indifferenti għall-kontenut tal-messaġġ. Hija tista' tibgħat messaġġi lill-Konnettur u tirċievi messaġġi mingħandu, tivvalida l-informazzjoni tal-intestatura, tidentifika l-modalità tal-ipproċessar korretta, tiffirma u tikkripta messaġġi u tittrasferixxi messaġġi lil Gateways oħrajn.

4. **Protokolli ta' komunikazzjoni**

Is-sistema ta' skambju tal-SoD għandha tuża protokolli tal-Internet siguri, bħall-HTTPS għall-komunikazzjoni tal-portal u tal-komponenti tas-sistema tal-IT deċentralizzata u l-protokolli ta' komunikazzjoni standard, bħal SOAP, għat-trażmissjoni ta' *data* u *metadata* strutturata.

B'mod speċifiku, l-e-CODEX jipprovdi sigurtà tal-informazzjoni b'saħħitha billi jieħu vantaġġ mill-awtentikazzjoni tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u l-protokoll kriptografiku b'diversi strati.

5. **L-istandards tas-sigurtà**

Għall-komunikazzjoni u d-distribuzzjoni ta' informazzjoni permezz tas-sistema ta' skambju tal-SoD, il-miżuri tekniċi li jiżguraw l-istandards ta' sigurtà minimi tat-teknoloġija tal-informazzjoni għandhom jinkludu:

(a) miżuri għall-iżgurar tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, inkluż billi jintużaw kanali sikuri (HTTPS);

(b) miżuri għall-iżgurar tal-integrità tad-*data* waqt li tkun qed tiġi skambjata;

(c) miżuri għall-iżgurar ta' nonripudju tal-oriġini tal-mittent tal-informazzjoni fi ħdan is-sistema ta' skambju tal-SoD u n-nonripudju tal-wasla tal-informazzjoni;

(d) miżuri għall-iżgurar ta' lloggjar ta' avvenimenti ta' sigurtà f'konformità ma' rakkomandazzjonijiet internazzjonali rikonoxxuti għal standards tas-sigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni;

(e) miżuri għall-iżgurar tal-awtentikazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' kull utent irreġistrat u miżuri għall-verifika tal-identità tas-sistemi konnessi mas-sistema ta' skambju tal-SoD;

(f) is-sistema ta' skambju tal-SoD se tiġi żviluppata f'konformità mal-prinċipju tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku.

6. **Id-disponibbiltà tas-servizzi**

6.1. Iż-żmien li fih jingħata servizz għandu jkun 24 siegħa, 7 ijiem fil-ġimgħa, b'rata ta' disponibbiltà teknika tas-sistema ta' mill-inqas 98 % eskluża l-manutenzjoni skedata.

6.2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet ta' manutenzjoni kif ġej:

(a) 5 ijiem tax-xogħol minn qabel għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni li jistgħu jikkawżaw perjodu ta' nuqqas ta' disponibbiltà ta' sa 4 sigħat;

(b) 10 ijiem tax-xogħol minn qabel għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni li jistgħu jikkawżaw perjodu ta' nuqqas ta' disponibbiltà ta' sa 12-il siegħa;

(c) 30 jum tax-xogħol bil-quddiem għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni, li jistgħu jikkawżaw perjodu ta' nuqqas ta' disponibbiltà ta' sa sitt ijiem fis-sena.

6.3. Kemm ikun possibbli, matul il-jiem tax-xogħol, l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni għandhom ikunu ppjanati bejn it-20:00 u s-7:00 CET.

6.4. Meta l-Istati Membri jkollhom ħinijiet tas-servizz fissi għal kull ġimgħa, dawn għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-ħin u l-ġurnata tal-ġimgħa meta jkunu ppjanati dawn il-ħinijiet tas-servizz. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti fil-punt 6.2, jekk is-sistemi tal-Istati Membri ma jibqgħux disponibbli matul dawn il-ħinijiet fissi, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jinnotifikawx lill-Kummissjoni f'kull okkażjoni.

6.5. F'każ ta' ħsara teknika mhux mistennija tas-sistemi tal-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bin-nuqqas ta' disponibbiltà tas-sistema tagħhom, u, jekk ikun magħruf, meta jaħsbu li se jitkompla s-servizz.

6.6. F'każ ta' ħsara mhux mistennija fil-bażi tad-*data* tal-Awtoritajiet Kompetenti, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri mingħajr dewmien bin-nuqqas ta' disponibbiltà, u jekk ikun magħruf, meta jaħsbu li se jitkompla s-servizz.